MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2007

Numru 725/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**MUHAMED ALI SHANTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Muhamed Ali Shanta ta' 24 sena, bin Ali u Aisa, imwieled nhar it-3 ta' Frar, 1983, residenti l-Libja bla indirizz fiss;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer:

Nhar it-23 ta' Awwissu, 2007, f'xi hin bejn il-hdax u nofs (23.30hrs) u nofs il-lejl (24.00hrs), minn gewwa l-fond View Court, 102, Flat 2, Triq il-Qasam, Swieqi, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, u cioe' kamra digitali tar-ritratti, telefon cellulari, u kif ukoll somma flus ta' iktar

min mitt lira maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu ta' Neville Cesareo, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok, valur, u hin.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat li r-res furtiva kollha giet ritornata lid-derubat qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri, u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn riduzzjoni fil-piena b'zewg gradi, ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Muhamed Ali Shanta hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sena (1) prigunerija, sospiza ghal sentejn (2) taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation Services, ai termini tal-Arikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------